**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 130/2020 JPG**

**Kawza Numru : 39**

**AH f'ismu propio u bhala kuratur ad litem tal-minuri SV**

**Vs**

**AVM,**

**GV**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AH, datat 3 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., jaqra hekk:

*Illi nhar X, twieldet il-minuri SV matul iz-zwieg bejn il-kopja mizzewga l-intimati AVM u GV u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid mmarkat Dok A;*

*Illi l-esponenti kellu relazzjoni intima mal-konvenuta AVM u li minn din r-relazzjoni giet koncepita l-minuri SV;*

*Illi l-konvenuta omm hija llum il-gurnata, legalment separata minn ma' zewgha GV;*

*Illi peress li l-minuri twieldet f' data anqas minn tlett mitt (300) jum mid-data tas-separazzjoni personali, ossia entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, l-istess minuri giet imnizzla u rregistrata bhala wild l-*

*konvenut GV;*

*Illi l-konvenuta stqarret ripetutament mal-attur illi, nonostante tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv, il-minuri SV hija fil-fatt bint l-esponenti;*

*Illi kien ghalhekk illi l-esponent, flimkien mal-konvenuta omm u l-minuri, ssottomettew rwiehhom ghat-testijiet genetici, li effettivament ikkonfermaw il-konvinzjoni tal-esponenti u cioe` li l-minuri hija effettivament il-wild bijologici tieghu u dan skont ir-rapport hawn anness u mmarkat Dok B;*

*Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri msemmija, huwa l-esponenti cioe` AH u mhux il-konvenut GV;*

*Illi in oltre l-konvenut GV ma jistax ikun missier il-minuri SV, peress illi hu u AVM ma kellhomx rapporti intimi fi zmien tat- tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid tal-minuri SV, u GV kien effettivament fl-impossibilità fizika li jghammar ma' AVM minhabba li kien boghod minnha u stante li kien diġa dettenut ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk kienu jghixu separati minn xulxin ferm qabel id-data tas-separazzjoni;*

*Illi effettivament, missier il-minuri SV huwa l-esponenti AH, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess SV giet koncepita, l-esponenti AH u l-konvenuta AVM, ghalkemm mhux mizzewgin, kienu qed jitrattjenu relazzjoni intima;*

*Illi in fatti jigi ulterjorment sottomess li bhalissa bint l-esponenti SV tinsab fil-kura u l-kustodja tal-esponenti, kif gie maqbul bejn il-kontendenti fi skrittura privata redatta minn Nutar Pubbliku Dr. Anthony Grech Trapani nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), liema skrittura qieghda tigi hawn anness u mmarkat Dok. C;*

*Illi l-minuri ghandha pussess ta' stat kuntrarju ghall-att tat- twelid u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid hija indikata bhala l-wild ta' GV, fil-verità hija tirrisjedi mal- esponenti AH u dan mid-data tat-twelid sal-lum. Illi in oltre mid-data ta' twelid taghha sal-gurnata prezenti qatt ma qattat sekonda wahda ma' GV;*

*Illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta omm ma haditx il-passi necessarji sabiex isir it-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal- minuri;*

*Illi l-esponenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri SV bhala l-wild naturali tieghu;*

*Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatt personalment.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuni:*

1. *Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut GV m' huwiex il-missier naturali tal-minuri SV;*

2. *Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-esponenti AH huwa l-missier naturali tal-minuri S maghrufa prezentement bil-kunjom V;*

3. *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 2319/2007 tal-minuri S prezentement maghrufa bil-kunjom V u dana billi fl-istess att*

    i. *jitnehhew il-kliem 'GV' fil-kolonna ta' l-isem ta' missier it-tarbija u jidhlu l-kliem 'AH;*

    ii. *jissostitwixxi l-kunjom "V" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "AH";*

    iii. *jissostitwixxi l-post "Pietà Malta" fil-kolonna "Fejn Twieled", in kwantu jirrigwarda l-intestat "Missier it-tarbija" bil-post "S";*

4. *Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.*

5. *Tghati dawk il-provediment kollha relattivi u opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni fi cirkostanzi*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Ottubru 2020, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai termini tal-Artikolu 77A, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk ir-rikorrent ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, ir-rikorrent għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, ir-rikorrent irid jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri SV ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;*

3. *Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri SV, huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita' li qiegħda tiġi msejsa ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ċar illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-istess artikolu, jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri SV, il-konvenuta AVM kienet wettqet adulterju mal-attur AH u di piu' jrid jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li*

*jeskludu lil GV, ir-raġel tal-konvenuta AVM, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri SV;*

5. *Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, jidher illi diġa' sar test tad-DNA li jikkonferma li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero' illi dan it-test għandu jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar;*

6. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrent AH sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri SV; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri SV (6) Isem u kunjom missieru; u (7) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri SV. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri SV;*

7. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

8. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-attur datata 10 ta' Dicembru 2020, li permezz taghha iddikjara d-dettalji personali kollha mehtiega tieghu (vide fol 19 et seqq.);

Rat illi f'seduta stante tat-12 ta' Frar 2021, l-attur AH u l-intimata AVM urew x-xewqa taghhom li t-tifla SV izzomm l-istess kunjom u dana ghaliex illum il-gurnata ghandha l-eta ta' X sena u ma jkunx fl-ahjar interess taghha li f'dan l-istadju tbiddel kunjomha u dana mhux oggezzjonat mill-

intimat GV. (vide fol 27 et seqq.);

Rat illi l-attur iddikjara li ser ikopri l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 28, verbal datat 12 ta' Frar 2021);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi **r-rikorrenti xehed permezz ta' affidavit a fol 21** et seqq fejn iddikjara illi fis-16 ta'Lulju 2007 twieldet il-minuri SV minn relazzjoni intima u *extra maritali* li huwa kellu ma' AVM. Jispjega illi l-minuri hija bintu u li huwa l-missier biologiku taghha minkejja li giet registrata bhala bint l-intimat GV. Jispjega illi l-minuri giet registrata bhala bint l-intimat GV peress li twieldet fi zwieg u f'data anqas minn tlett mitt (300) jum mid-data tas-separazzjoni personali tal-intimati AVM u GV. Izid illi l-intimati AVM u GV jafuh dan u filfatt diga saru t-testijiet genetici sabiex dan jigi kkonfermat. Jirrileva illi kienet giet iffirmata ukoll skrittura privata quddiem in-Nutar Dr Anthony Grech Trapani fejn gie kkonfermat li l-minuri hija bintu. Illi l-minuri dejjem taf lir-rikorrenti bhala missierha u filfatt dejjem ghexet mieghu. Izid illi minkejja li l-intimata AVM kienet taf b'dawn il-fatti, hija qatt ma hadet il-passi necessarji sabiex isir t-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal-minuri.

**L-intimata AVM xehdet in ezami** 32 illi hija iltaqghat mar-rikorrenti go bar, u illi din hija storja antika hafna. L-intimata tikkonferma illi hija kienet f'relazzjoni mar-rikorrenti. Xehdet li GV kien ir-ragel mizzewweg taghha izda kien mifni bil-problema ta' abbuz mid-drogi. Ghaldaqstant ir-relazzjoni taghhom ma rnexxiets. L-intimata tikkonferma li minkejja li l-minuri SV twieldet fiz-zwieg mal-intimat GV, hija bint ir-rikorrenti u li filfatt x'aktarx GV kien dahal il-habs imma kien gie arrestat. Mistoqsija jekk meta kien il-habs ir-ragel taghha, hija kellha relazzjoni mal-attur, l-intimata tikkonferma dan u li minn din ir-relazzjoni mal-attur twieldet il-minuri. L-intimata tispjega illi kemm hi u kif ukoll it-tifla ghandhom il-kondizzjoni ta' bi-polar disorder u li filfatt il-minuri tghix mar-rikorrenti missierha u li dejjem ghexet ma' missierha minn mindu kienet zghira.

**L-intimat GV xehed in ezami vide Fol 35** u kkonferma li huwa kien izzewweg lill-intimata

AVM madwar ghoxrin (20) sena ilu. Jikkonferma illi minn dan iz-zwieg bejnu u bejn l-intimata AVM ma twieldu ebda ulied. L-intimat jikkonferma illi huwa kien jaf bit-twelid tal-minuri minn qabel ma gie notifikat b'dawn il-proceduri. Jirrileva illi jista' jkun li sar jaf b'dan meta l-minuri kellha bejn sitta jew seba' xhur izda ma jafx ezatt meta gie infurmat b'dan. L-intimat jispjega illi sena jew sentejn **qabel** it-twelid tal-minuri hu u l-intimata ma kienux qeghdin jghixu flimkien u li jahseb li fiz-zmien qabel it-twelid ta' din it-tifla, hu ma kienx qed jghix mal-intimata.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> ***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa lġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

> ***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> ***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u***

***l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***

***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***

***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***

Il-Qorti, b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tad-Direttur Registru Pubbliku, tgharaf illi r-rikorrenti kien gie awtorizzat jipprocedi bir-rikors odjern wara illi kiseb l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz tad-digriet tat-3 t'Awwissu 2020 (Vide Fol 42). Il-Qorti rat illi r-rikors promotur gie prezentat fit-3 ta' Settembru 2020.

Il-Qorti rat illi l-minuri SV twieldet fis-16 ta' Lulju 2007 u giet registrata bhala bint GV li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg ma' AVM. Jirrizulta ukoll illi fi zmien tat-tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid tal-minuri, l-intimat GV, kien effettivament fl-impossibilita' fizika li jkun mal-intimata u dana stante li kien qieghed dettenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk kienu jghixu separatament ferm qabel id-data tas-separazzjoni legali. Illi jirrizulta li l-

intimata AVM u r-rikorrenti bdew relazzjoni intima flimkien u li minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. Illi jirrizulta ukoll illi l-intimati AVM u l-intimat GV huma legalment separati.

Illi ghalkemm il-minuri hija registrata bhala bint GV, l-intimat V m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-minuri. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti kien dejjem prezenti fil-hajja ta' bintu bhala missierha sa minn meta twieldet, mantnieha u ghadu hekk irabbiha sal-gurnata tal-llum. Filfatt kif jirrizulta mid-dokument *a fol 7*, jidher li saret skrittura privata redatta minn Nutar Pubbliku Dr Anthony Grech Trapani fid- 29 ta' Mejju tas-sena 2012, fejn gie dikjarat illi l-minuri tinsab fil-kura l-kustodja tar-rikorrenti hekk kif maqbul bejn il-kontendenti u ilha mid-data tat-twelid tirrisjedi mar-rikorrenti.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici (vide fol 46 et seqq.), liema testijiet gew konfermati bil-gurament ta' Dr Marisa Cassar permezz ta' affidavit, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrenti huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita' minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi fil-verbal tas-seduta tat-12 ta'Frar 2021, ir-rikorrenti u l-intimata AVM urew ix-xewqa illi l-minuri izzomm l-istess kunjom u cioe dak ta' V u dana stante li llum il-gurnata il-minuri ghandha X-il sena u ma jkunx fl-ahjar interess taghha li wara dan iz-zmien kollu, u f'dan l-istadju ta' hajjitha tbiddel kunjomha. Il-Qort rat illi l-intimat GV, fil-presenza tal-Qorti ma kellu ebda oggezzjoni li l-minuri zzomm il-kunjom V. Il-Qorti, bhal partijiet, tenut kont tal-fatt li llum l-gurnata l-minuri qeghda fl-istadju tant delikat tal-addolexxenza, hija tal-fehma li tali ghazla hija wahda li ser tevita li l-minuri kwalunkwe pregudizzju jew disagju. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jibqa' 'V.'

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:**

1. **Tiddikjara li l-minuri SV hija effettivament il-wild naturali tar-rikorrent AH;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut GV ma hux il-missier naturali ta' SV;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' SV liema att ghandu n-numru 2319/2007 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

   **(a) Ihassar il-kliem "GV" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "AH", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita' Maltija "Y" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita "Z", ihassar n-numru "52" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "48", ihassar l-post "B" fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "P", ihassar il-kliem tan-nannu patern u minflok inizzel il-kliem "AMH" (Mejjet)" u dan fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

4. **Tordna illi l-kunjom "V" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" ghandu jibqa "V";**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur datata 12 ta' Frar 2021 (vide Fol 28) li permezz taghha informa lill-Qorti li huwa kien lest li jkopri l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu mir-rikorrenti AH.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**